



KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX

[...](2012) XXX abbozz

ANNES GĦALL-OPINJONI TAL-EASA 06/2012

Ir-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../..

tat- XXX

li jemenda r-Regolament (EU) Nru .../... li jistabilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-XXX

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu l-għan li jistabbilixxi u jżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili madwar l-Ewropa. Dan ir-Regolament jipprovdi l-mezzi biex jintlaħaq dan l-għan fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.
- (2) It-tħaddim ta' ingenu tal-ajru rreġistrat f'pajjiż terz użat minn operatur li għalih kwalunkwe Stat Membru jiżgura s-sorveljanza tal-operazzjonijiet jew użat fi, fi ħdan jew barra mill-UE minn operatur stabbilit jew residenti fl-UE għandu jkun konformi mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament Nru 216/2008.
- (3) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għat-tħaddim sikur tal-ingenu tal-ajru. Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 jistabbilixxi dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet
- (4) Dan ir-regolament jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 biex jikkumplementa aspetti partikolari mit-tħaddim ta' ingenu tal-ajru rreġistrat f'pajjiż terz minn operaturi tal-UE.
- (5) Huwa meħtieġ li jingħata żmien suffiċjenti għall-industrija ajrunawtika u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri biex jadattaw għall-qafas regolatorju l-ġdid.
- (6) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ppreżentathom bħala opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

¹

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Anness II (Parti-ARO) u Anness III (Parti-ORO) huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-28 ta' Ottubru 2014.

2. B'deroga mit-tieni paragrafu tal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi I tal-Anness III għandhom japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tal-Anness VI.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President*

ANNEX

Anness II (Parti-ARO) hu emendat kif ġej:

1. Paragrafu ARO.OPS.110 (c) hu emendat kif ġej:
 - (c) L-approvazzjoni ta' ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ għandha tiġi sospiża jew revokata kull meta:
 - (1) iċ-ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru jkun sospiż jew revokat;
 - (2) l-inġenju tal-ajru jkun inkluż fil-lista ta' operaturi soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi

jew ikun irreġistrat fi Stat li l-operaturi kollha taħt is-sorveljanza tiegħu jkunu soġġetti għal projbizzjoni ta' operar skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Anness III (Parti-ORO) hu emendat kif ġej:

2. Paragrafu ORO.AOC.100 (c) hu emendat kif ġej:
 - (c) L-applikanti għandhom juru lill-awtorità kompetenti li:
 - (1) jikkonformaw ma' kull rekwiżit applikabbli tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, dan l-Anness u l-Anness IV (Parti-CAT) u l-Anness V (Parti-SPA) ta' dan ir-Regolament,
 - (2) kull inġenju tal-ajru mħaddem ikollu ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà (CofA) skont ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 jew ikunu mikrija mingħajr ekwipaġġ skont ORO.AOC.110 (d); u
 - (3) l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tiegħu huma xierqa u jaqblu sew mal-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni.
3. Paragrafu ORO.AOC.110 (b) hu emendat kif ġej:
 - (b) L-operatur iċċertifikat skont din il-Parti ma għandux jikri inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ inklużi fil-lista tal-operaturi soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi, irreġistrati fi Stat li l-operaturi kollha taħt is-sorveljanza tiegħu huma soġġetti għal projbizzjoni operattiva jew minn operatur li huwa soġġett għal projbizzjoni ta' operar skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

4. Paragrafu ORO.AOC.110 (d) huwa emendat kif ġej:

Ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ

- (d) Applikant għall-approvazzjoni ta' ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenju tal-ajru rreġistrat f'pajjiż terz għandu juri lill-awtorità kompetenti li:
 - (1) ġiet identifikata hteġa operattiva li ma tistax tiġi sodisfatta permezz tal-kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenju tal-ajru rreġistrat fl-UE;

- (2) it-tul tal-kiri mingħajr ekwipaġġ ma jkunx jaqbeż is-seba' xhur f'kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar konsekuttiv;
- (3) tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003; u
- (4) l-inġenju tal-ajru jkun mgħammar skont ir-regolamenti tal-UE għall-Operazzjonijiet bl-Ajru.

5. Paragrafi ORO.AOC.130 (a) u (b) huma emendati kif ġej:

- (a) L-operatur għandu jstabbilixxi u jżomm programm ta' monitoraġġ tad-dejta tat-titjira, li għandu jiġi integrat fis-sistema ta' ġestjoni tiegħu, għal ajruplani b'piż massimu ċċertifikat ta' tluġh ta' aktar minn 27 000 kg.
- (b) Il-programm ta' monitoraġġ tad-dejta tat-titjira ma għandux ikun punittiv u għandu jkollu salvagwardji xierqa biex jiġu protetti s-sors(i) tad-dejta.

6. Appendiċi I għall-Anness III hi emendata kif ġej:

Appendiċi I għall-Anness III

DIKJARAZZJONI
skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru
Operatur
Isem: Il-post fejn huwa stabbilit jew residenti l-operatur u l-post minn fejn jitmexxew l-operazzjonijiet: Isem u dettalji ta' kuntratt tal-maniġer responsabbli:
Organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa kkuntrattata
L-isem u l-indirizz tal-kumpanija u r-referenza ta' approvazzjoni (skont il-Formula tal-EASA 14):
Data ta' bidu tal-operazzjoni/data ta' applikabbiltà tal-bidla:
Tip(i) ta' operazzjoni(jiet): <input type="checkbox"/> Parti-NCC:(speċifika jekk hux passiġġier u/jew merkanzija)
Tipi(i) ta' inġenju/inġenji tal-ajru, reġistrazzjoni(jiet) u bażi ewlenija:
Dettalji tal-approvazzjoni miżmuma (ehmeż lista ta' approvazzjoni speċifiċi għad-dikjarazzjoni, jekk ikun applikabbli)
Lista ta' mezzi alternattivi ta' konformità mar-referenzi għall-AMCs li jissostitwixxu (ehmeż mad-dikjarazzjoni) <input type="checkbox"/> (jekk ikun applikabbli) Għal inġenji tal-ajru li mhumiex irreġistrati fl-UE

Stat tar-Reġistrazzjoni:

Regolament dwar l-Istat tar-Reġistrazzjoni applikabbli għall-inġenju tal-ajru:

Dikjarazzjonijiet

Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni inkluż il-manwal tat-tħaddim jirriflettu r-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-Parti-ORO, Parti-NCC u Parti-SPA. It-titjiriet kollha sejrjn jitwettqu skont il-proċeduri u l-istruzzjonijiet speċifikati fil-manwal tat-tħaddim.

Kull inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat validu ta' ajrunavigabbiltà u jikkonforma mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.

Il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u l-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ikun applikabbli, huma mħarrġa skont ir-rekwiżiti applikabbli.

(Jekk ikun applikabbli)

L-operatur ikun implimenta u wera konformità ma' standard tal-industrija rikonoxxut uffiċjalment.

Referenza tal-istandard:

Korp ta' ċertifikazzjoni:

Data tal-aħħar verifika ta' konformità:

Kwalunkwe bidla fl-operazzjoni li taffettwa l-informazzjoni żvelata f'din id-dikjarazzjoni sejra tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti.

L-operatur jikkonferma li l-informazzjoni żvelata f'din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Data, isem u firma tal-maniġer responsabbli